**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 76/11VG**

**Bartmik ta' l-Iklin Ltd.**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà Bartmik ta' l-Iklin Ltd. quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fl-10 ta' Settembru 2008, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 1998 tigi revokata *in toto* u minflok sostitwita skond il-prospett mibghut minnha, anness mar-Rikors bhala Dok. "BTK04", jew alternattivament l-istess imsemmija stima tigi modifikata skond kif il-Bord, illum it-Tribunal, jidhirlu xieraq;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "BTK 01" sa' Dok. "BTK04" a fol. 5 sa' 17 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu tal-13 ta' Awwissu 2008, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 hija gusta u jisthoqqilha konferma;

Ra li l-provi migbura fl-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11 japplikaw ghal dawn il-proceduri wkoll;

Ra li l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11 ġie deċiż minn dan it-Tribunal b'sentenza pronuncjata

fis-7 ta' Jannar 2014, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fl-14 ta' Ottubru 2016;

Sema' x-xhieda moghtija minn Michael Sciortino waqt is-seduti tad-29 ta' Marzu 2011[1], tas-17 ta' Mejju 2011[2], tat-2 ta' Frar 2012[3], tal-31 ta' Mejju 2012[4] u tat-22 ta' Ottubru 2012[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS1" a fol. 44 sa' 47 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11, Dok. "MS2" a fol. 80 u 81 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11 u Dok. "MS02" a fol. 231 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11, sema' x-xhieda moghtija minn George Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduti tas-17 ta' Novembru 2011[6], tat-2 ta' Frar 2012[7] u tat-22 ta' April 2013[8] u ra d-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "GB1" a fol. 88 sa' 221 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11 u Dok. "GV1" a fol. 288 sa' 292 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11, ra l-affidavit ta' George Borg u dokumenti annessi mieghu markati Dok. "1" sa' Dok. "7" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' Frar 2013 a fol. 257 sa' 285 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11, sema' x-xhieda ta' Bartholomeo Agius moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2012[9] u ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' April 2011 ilkoll flimkien markati Dok. "MS01" a fol. 48 sa' 57 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11;

Ra d-Digrieti moghtija fis-17 ta' Mejju 2011[10] u fil-31 ta' Mejju 2012[11];

Ra s-sentenza pronuncjata fis-7 ta' Jannar 2014[12] permezz ta' liema l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha

---

[1] Fol. 40 sa' 43 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[2] Fol. 82 u 83 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[3] Fol. 234 u 235 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[4] Fol. 243 sa' 248 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[5] Fol. 250 sa' 254 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[6] Fol. 222 sa' 229 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[7] Fol. 232 u 233 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[8] Fol. 287a u 287b tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[9] Fol. 238 sa' 241 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[10] Fol. 32 u 33 tal-process.
[11] Fol. 242 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[12] Fol. 49 sa' 67 tal-process.

ghas-sena ta' stima 1998 gie michud. Ra li b'sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Gunju 2016, is-sentenza pronuncjata fis-7 ta' Jannar 2014 giet annullata, bl-atti rinvijati lit-Tribunal sabiex wara li jizgura li l-provi dokumentarji li s-socjetà Rikorrenti kienet ipprezentat quddiem il-Bord ta' Kummissarju Specjali jitpoggew fil-process, jiddeciedi l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 1997;

Ra li dawn il-proceduri regghu gew riappuntati quddiem dan it-Tribunal kif presjedut[13];

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' April 2017[14], il-partijiet kontendenti qablu li nonostante l-fatt li t-Tribunal kif kompost (dak iz-zmien) kien ta s-sentenza li giet annullata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), ikun l-istess Tribunal kif kompost li jibqa' jisma' dan il-kaz u jaghti sentenza dwar il-mertu;

Ra t-talba avvanzata mis-socjetà Rikorrenti waqt is-seduta tas-6 ta' April 2017[15] sabiex it-Tribunal jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi jesebixxi l-accounting records kollha tas-socjetà Rikorrenti li jirreferu ghas-snin li hemm appell pendenti fuqhom kif ukoll is-snin l-ohra decizi finalment. A skans ta' kull ekwivoku s-socjetà Rikorrenti ddikjarat li qed tirreferi ghas-snin ta' stima 1995 sa' 2003;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi u d-dokumenti annessi maghha[16], permezz ta' liema oppona ghat-talba kif avvanzata mis-socjetà Rikorrenti waqt is-seduta tas-6 ta' April 2017, stante li l-unici accounts li ghandhom jigu sottomessi huma dawk pertinenti ghas-sena ta' stima 1997 (formanti l-mertu ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru 75/11) u ghas-sena ta' stima 1998 in kwantu huma l-unici accounts rilevanti ghal dawn il-proceduri;

Ra li b'Digriet moghti fil-11 ta' Mejju 2017[17] it-Tribunal iddikjara li l-unici accounts li l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu jesebixxi fl-atti ta' dawn il-proceduri huma l-accounts ghas-sena ta' stima 1998, ossia l-account tas-sena bazi 1997;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi, ossia l-accounts tas-socjetà Rikorrenti ghas-sena bazi 1997 fil-pussess tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2017 a fol. 19 sa' 279 tal-proċess;

[13] Fol.1 tal-process wara r-riappuntament.
[14] Fol.5 u 6 tal-process wara r-riappuntament.
[15] Ibid.
[16] Fol. 7 sa' 12 tal-process wara r-riappuntament.
[17] Fol. 14 sa' 18 tal-proċess wara r-riappuntament.

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2017[18], il-partijiet kontendenti ddikjaraw li ma għandhomx sottomissjonijiet x'jzidu ma' dawk li kienu gia saru qabel id-decizjoni tas-7 ta' Jannar 2014;

Rega' ikkonsidra u ra s-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti, inkluzi d-diversi Noti ta' Sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet kontendenti[19];

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Avviz ta' Likwidazzjoni datat 11 ta' Dicembru 2006[20] relattiv ghas-sena ta' stima 1998 il-Kumissarju tat-Taxxi Interni gharraf lis-socjetà Rikorrenti li ghal dik is-sena ta' stima kienet dovuta minnha taxxa fl-ammont ta' Lm1,337. B'ittra datata 19 ta' Dicembru 2006[21] is-socjetà Rikorrenti oggezzjonat ghal dik l-istima u talbet ir-revoka ta' l-istess stante li: *1. Income assessed is not in accordance with the company's income tax return; 2. The company incurred a loss during that year and in previous years and accumulated losses have been ignored.* L-oggezzjoni tas-socjetà Rikorrenti però giet rifjutata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Avviz ta' Rifjut mahrug fit-13 ta' Awwissu 2008[22] u t-taxxa ghas-sena ta' stima 1998 giet likwidata fl-ammont ta' **Lm407** stante li skond l-istess Kummissarju is-socjetà rikorrenti ma ipprovdietx *id-dokumenti tan-negoizju relatati mas-snin in kwistjoni, kif talab id-dipartiment, biex b'hekk ikun jista' jigi vverifikat t-telf dikjarat. Matul is-sena bazi 1996 il-kumpanija kriet il-barriera u peress li dan kien l-uniku dhul, it-tnaqqis kien limitat ghal Lm100, kif inhu normalment moghti bhala koncessjoni mid-dipartiment f'cirkostanzi simili.*

Peress illi s-socjetà rikorrenti hasset ruhha aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998, intavolat l-appell odjern permezz ta' liema qed titlob ir-revoka *in toto* ta' dik il-Likwidazzjoni ta' Taxxa u minflok tigi sostitwita skond il-prospett mibghuta minnha lill-Kummissarju, anness mar-Rikors bhala Dok. "BTK04", jew alternattivament li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi modifikata skond kif it-Tribunal jidhirlu xieraq. Is-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha fuq is-segwenti aggravji: Mill-aspett legali - (i) preliminarjament ir-rifjut ta' l-oggezzjoni huwa irritu u null ghaliex jirreferi ghar-rekwizit illi gie dikjarat illegali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet "Pig Breeding Company Limited v. Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Appell Nru.

[18] Fol. 13 tal-process wara r-riappuntament.
[19] Fol. 293 sa' 336 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[20] Dok. BTK01 a fol. 7 u 8 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[21] Dok. "BTK02" a fol. 9 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[22] Dok. "BTK03" a fol. 5 u 6 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

19/04, kif rifless fl-emendi li saru fl-Att IV ta' l-2007; (ii) l-istima kontestata nharget b'mod arbitrarju u ma hargitx *reasonably* u *fairly* hekk kif mehtieg skond il-Kaz Nru. 190 tal-Qorti ta' l-Appell. L-istima u l-mod kif inharget jikser il-principji tal-gustizzja naturali; (iii) l-istima hija bbazata fuq apprezzament legali zbaljat tan-natura tal-pagamenti li saru ghal kull vjegg gebel; tali pagamenti ma kellhomx jigu kklassifikati bhala kera; (iv) is-socjetà Rikorrenti ma kellhiex l-obbligu illi tissupplixxi t-trade records taghha a tenur tal-principji enuncjati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz 174. Is-socjetà Rikorrenti mhux obbligata zzomm ir-records ghal perijodu itwal minn disa' snin. Mill-aspett fattwali – (i) l-istima hija bazata fuq apprezzament zbaljat tal-fatti; (ii) hija ma rcevietx il-qligh illi qed jinghand li rceviet; u (iii) hemm telf migjub 'il quddiem ta' Lm25,363 u tnaqqis kapitali mhux assorbit ta' Lm5,838.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jilqa' ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti billi jikkontendi li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tieghu tat-13 ta' Awwissu 2008, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 hija gusta u jisthoqqilha konferma.

**L-aggravju preliminari:**

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi indirizzata hija dik sollevata mis-socjetà Rikorrenti fl-aggravju preliminari taghha u cioè in-nullità tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni mahrug fit-13 ta' Awwissu 2008 stante li dan jirreferi ghal rekwizit illi gie dikjarat illegali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet "Pig Breeding Company Limited v. Avukat Generali u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Appell Nru. 19/04, kif rifless fl-emendi li saru fl-Att IV ta' l-2007. Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti ma sahqitx fuq dan l-aggravju u ma ghamlet l-ebda accenn ghalih la tul is-smigh tal-proceduri u lanqas fit-trattazzjonijiet orali taghha jew fin-Nota ta' Sottomissjonijiet minnha ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2013, it-Tribunal huwa xorta wahda obbligat li jittratta dan l-aggravju partikolari peress illi ma jidhirx li s-socjetà Rikorrenti irrinunzjat ghalih b'mod formali.

Ir-rekwizit li ghalih taghmel referenza s-socjetà Rikorrenti huwa dak kontenut fil-paragrafu nru. 6 ta' l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jaghmel referenza ghall-Artikolu 35 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-*proviso* tas-subartikolu (1) jipprovdi li *ebda appell bhal dak ma jista' jsir validament minn xi stima jekk qabel ma jithallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni.* Is-socjetà Rikorrenti taqbad ma' dan ir-rekwizit partikolari – kif originarjament introdott bis-sahha ta' l-Att XIII ta' l-1994 – fid-dawl tal-fatt li bis-sentenza fl-ismijiet **Pig Breeding Company Limited v. Avukat Generali et, Appell Nru. 19/04** pronuncjat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' April 2006, dik il-Qorti *inter alia* ddikjarat null u bla effett il-*proviso* ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu dan jivvjola l-Artikoli 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament. In segwitu ghall-enuncjazzjoni ta' dak il-principju l-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat bis-sahha ta' l-Artikolu 27 ta'

l-Att IV ta' l-2007 li jipprovdi li *l-proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 35 ta' l-Att principali ghandu jithassar*. In effetti llum l-imsemmi artikolu tal-Ligi, kif ulterjorment emendat bis-sahha ta' l-Avviz Legali 336 ta' l-2010, jipprovdi li *kull persuna illi, aggravata bi stima maghmula dwarha, ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju kif mahsub fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 33 tista' taghmel, fi zmien tletin gurnata wara d-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemeda l-istima kif mixtieq, appell kontra dik l-istima lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.*

Fil-waqt li t-Tribunal ma jistax jinjora l-portata tad-dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza u ta' l-emendi introdotti bis-sahha ta' l-Att IV ta' l-2007, u frankament ma jistax jifhem fuq liema bazi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni insista mas-socjetà Rikorrenti li *l-ebda appell ma jista' jsir validament minn din id-decizjoni jekk qabel ma jithallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma hemmx kwistjoni* ladarba fiz-zmien meta inhareg ir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni l-*proviso* ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kien già imhassar, ma jaqbilx mal-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti li fil-kaz in ezami l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni huwa irritu u null ghaliex jirreferi ghal dan ir-rekwizit partikolari.

Minkejja dak provdut fil-paragrafu nru.6 ta' l-Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni fil-kaz in ezami ma jirrizultax li s-socjetà Rikorrenti giet b'xi mod prekluza milli tappella mill-istess Rifjut u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Ttaxxa maghmula fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 1998. In effetti l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens ma giet sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ghalkemm huwa konsiljabbli li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, ma jibqax jinsisti fuq *policies* tad-Dipartiment li llum il-gurnata huma ufficjalment rikonoxxuti bhala lezivi tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, tant illi ma ghadhomx rikonoxxuti fi u validati bil-Ligi, huwa zgur li fil-kaz in ezami l-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 13 ta' Awwissu 2008 ma jistax u ma ghandux jitqies bhala rritu u null ghar-raguni moghtija mis-socjetà Rikorrenti. Konsegwentement ghalhekk l-aggravju preliminari sollevat mis-socjetà Rikorrenti taht l-intestatura *Punti ta' Ligi* ma jisthoqqx li jigi milqugh.

**Aggravji fil-mertu:**

Trattat dan l-aggravju t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta l-mertu ta' l-Appell odjern li ghalkemm jinvolvi diversi punti sollevati minn kull wahda mill-partijiet kontendenti, essenzjalment jirrivolvi madwar tlett punti centrali: (i) x'natura ghandha tigi attribwita lill-hlasijiet percepiti mis-socjetà Rikorrenti tul is-sena bazi 1997 ghall-operazzjoni tal-barriera proprjetà taghha da parte ta' Joseph Magri; (ii) ghandux jigi accettat it-tnaqqis pretiz u tlef dikjarat mis-socjetà Rikorrenti; u (iii) ghandux dan it-Tribunal jaccetta l-*gross margin of profit* tas-socjetà Rikorrenti min-negozju taghha fil-proprjetà fil-percentagg ta' 26%.

**Royalties v. Dhul min-negozju:**

L-ewwel kwistjoni li se tigi trattata hija dik dwar in-natura tal-hlasijiet percepiti mis-socjetà Rikorrenti tul is-sena bazi 1997 ghall-operazzjoni tal-barriera proprjetà taghha da parte ta' Joseph Magri. Huwa fatt inkontestat li s-socjetà Rikorrenti hija proprjetarja ta' bicca art li tintuza jew ghall-inqas tul is-snin rilevanti ghall-appelli taghha quddiem dan it-Tribunal[23], inkluz is-sena ta' stima 1998, kienet tintuza bhala barriera. Mill-atti jirrizulta li bis-sahha ta' skrittura privata datata 9 ta' Jannar 1996[24] is-socjetà Rikorrenti kkoncediet id-dritt lil Joseph Magri li *jutilizza l-art murija fuq l-annessa pjanta bhala barriera ("stone quarry") b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u disin* taht is-segwententi pattijiet u kondizzjonijiet:

1. Li Joseph Magri jhallas lis-socjetà Rikorrenti s-somma ta' Lm1.25 ghal kull vjegg gebel, V.A.T. eskluz;
2. Vjegg gebel jigi kalkolat bil-kejl ta' vjegg ta' volum ta' circa 31050 $in^3$ u f'kaz li r-regolamenti vigenti jinbidlu tul il-kors tal-koncessjoni l-partijiet jaggustaw il-prezz *pro rata* bi ftehim bejniethom;
3. Dan il-hlas jigi effettwat kull xahar b'dana li Magri jaghti lis-socjetà Rikorrenti rendikont ta' l-operat tieghu kull gimgha, bil-hin ta' kull vjegg;
4. Ghal xoghol maghmul fuq ordni Magri jhallas lis-socjetà Rikorrenti terz mill-prezz tal-bejgh, basta jkun prezz ragonevoli u li Magri jkun informa lill-istess socjetà bil-prezz biex jikkonferma li hu ragonevoli;
5. Tul il-koncessjoni s-socjetà Rikorrenti jkollha access ghall-art u r-rampa trid tibqa' nadifa u fi stat ta' manutenzjoni tajba;
6. Il-koncessjoni hija ghal perijodu ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 1996 jew inkella sakemm Magri jinzel 110 dawriet, u cioè ghaxar dawriet fond, mill-livell li kien hemm fil-bidu tal-koncessjoni, skond liema minnhom jigi l-ewwel;
7. Kemm-il darba Magri ma jaghtix lura l-art lis-socjetà Rikorrenti fi tmiem il-koncessjoni jkollu jhallasha s-somma ta' Lm20,000 bhala danni pre-likwidati;
8. Kemm-il darba Magri jmut tul it-terminu tal-koncessjoni l-ftehim jintemm u jekk l-eredi tieghu ma jirritornawx l-art lis-socjetà Rikorrenti jkollhom ihallsuha s-somma ta' Lm20,000 bhala danni pre-likwidati;
9. Tul il-koncessjoni Magri jista' jaghmel uzu minn certu ghodod u makkinarju u cioè Generator Leyland 600, Magna ta' l-Isingjar, Gunfire, Gunfire ta' l-Invjar, wires tal-magni;
10. Magri huwa responsabbli ghall-hsarat u serq tal-makkinarju u ghodod u d-dawl u l-ilma jkunu a karigu tieghu wkoll;
11. Spejjez ta' permessi u kwalsiasi taxxa eventwali fuq l-immobbli tkun a karigu ta' Magri in kwantu ghal terz u tas-socjetà Rikorrenti in kwantu ghal zewg terzi;

[23] L-appelli fl-ismijiet "Bartmik Ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nri. 71/11 sa' 74/11 u 77/11, decizi b'sentenzi pronuncjati mit-Tribunal fis-7 ta' Jannar 2014 u kkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenzi pronuncjati fl-14 ta' Ottubru 2016.

[24] Dok. "MS1" a fol. 44 sa' 47 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

12. Terrapin jitwaddab minn Magri fil-lok lilu indikat mis-socjetà Rikorrenti minn zmien ghal zmien;
13. F'kaz ta' bzonn jew forza magguri Magri jista' jqabbad lil haddiehor biex jahdem l-art minfloku taht dawn l-istess pattijiet u kondizzjonijiet bil-kunsens u accettazzjoni tas-socjetà Rikorrenti.

Mill-atti jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni interpreta l-hlas percepit mis-socjetà Rikorrenti minn din il-koncessjoni tul is-sena bazi 1997 bhala *royalties* taxxabbli a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(e) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income ghandha tithallas bir-rata jew rati specifikati hawn taht ghas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar 1993, izda biss dwar qligh kapitali li jkun sar fil-25 ta' Novembru 1992 jew wara u ghal kull sena ta' stima sussegwenti fuq il-qligh kapitali kif imfisser fl-artikolu 5 li jkun dovut jew derviat minn Malta jew band'ohra, u sew jekk jasal Malta jew le, u ghas-sena ta' stima li tibda mill-1 ta' Jannar 1949 u ghal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band' ohra, u sew jekk jasal Malta jew le dwar – (e) kera, royalties, premiums u kull profit iehor li jkun hemm minn proprjetà.* Is-socjetà Rikorrenti da parte taghha tikkontendi li l-hlas minnha percepit mill-koncessjoni favur Joseph Magri tul is-sena bazi 1997 ghandu jikkwalifika bhala qligh jew profit minn negozju taxxabbli a tenur ta' l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, liema paragrafu jipprovdi appuntu li huwa taxxabbli dak il-*qligh jew profitti minn xi sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni, ikun liema jkun il-perijodu ta' zmien li fih dik is-sengha, negozju, professjoni jew vokazzjoni jkunu nhadmu jew gew ezercitati, inkluz il-profitt li jkun hemm minn bejgh minn xi persuna ta' xi proprjetà akkwistata minnha ghall-iskop li taghmel profit b'mezz ta' bejgh, jew mit-tmexxija ta' xi impriza li taghmel profitti jew mit-thaddim ta' xi skema li taghmel profitti.*

Il-mod kif id-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-operat tal-barriera da parte ta' Joseph Magri ghandu jigi kkunsidrat gie trattat fl-appelli fl-ismijiet "Bartmik Ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nri. 71/11 sa' 74/11 u 77/11, decizi b'sentenzi pronuncjati mit-Tribunal fis-7 ta' Jannar 2014, fejn appuntu gie determinat li dan id-dhul partikolari huwa trading income u mhux royalties. Dawn is-sentenzi gew ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenzi pronuncjati fl-14 ta' Ottubru 2016 u konsegwentement ghalhekk huma ormai *res judicata*. F'tali cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal certament ma jistax fil-proceduri odjerni, li fir-rigward tad-dhul mill-operat tal-barriera huma identici ghall-appelli appena imsemmija, jaghti interpretazzjoni differenti ghad-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-operat tal-barriera da parte ta' Joseph Magri tul is-sena bazi 1997 minn dik minnu moghtija fl-appelli hawn appena indikati.

Detto ciò u fi kwalunkwe kaz it-Tribunal josserva s-segwenti:

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[25] tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jikkontendi li r-raguni ghalfejn id-dhul mill-koncessjoni tal-barriera gie kkunsidrat mid-Dipartiment bhala *royalties* u mhux bhala *trading income* jew kera tirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tieghu George Borg: *fix-xhieda tieghu George Borg ikkonferma li: (a) dawn ir-royalties ma humiex trading income ghaliex il-kumpanija appellanta ma kienetx tifforma parti mill-operat tal-barriera u fil-fatt ma kellha xejn x'taqsam ma tali barriera; (b) l-income tal-kumpanija appellanta kien skond kemm jaqta' gebel l-operatur tal-barriera u ghalhekk ma kienetx kwistjoni ta' kera anzi, dan kien kaz tipiku ta' royalty minn barriera ghax li kieku kienu jiftehmu fuq pagament fiss fis-sena u mhux skond kull vjegg gebel li johrog mill-barriera.*

Is-socjetà Rikorrenti tirribatti ghall-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, billi tikkontendi li dak id-dhul ma jistax jitqies bhala *royalties* in kwantu t-terminu *royalties* hekk kif definit fid-Double Taxation Agreements li Malta ghandha ma' diversi pajjizi ohra u kif definit fl-OECD Treaty Model jirreferi ghal proprjetà intellettwali u mhux ghall-qtugh ta' gebel minn go barriera. Minn din il-kontestazzjoni twieldet botta u risposta dettaljata – izda fil-fehma tat-Tribunal ghal kollox inutili u irrilevanti – bejn il-partijiet kontendenti dwar id-definizzjoni ta' *royalties* u b'mod partikolari dwar liema definizzjoni ta' tali terminu ghandha tigi ikkunsidrata w applikata fil-kaz in ezami[26].

It-Tribunal iqis tali botta u risposta bejn il-partijiet kontendenti dwar id-definizzjoni ta' *royalties* u b'mod partikolari dwar liema definizzjoni ta' tali terminu ghandha tigi applikata f'dan il-kaz bhala ghal kollox inutili w irrilevanti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri ghar-raguni li fil-gurisprudenza nostrali – li certament hija fonti ta' interpretazzjoni ghall-fini ta' l-applikazzjoni tal-Ligi nostrana ferm iktar valida minn kwalunkwe gurisprudenza u/jew Ligi barranija ohra – già jinsab stabbilit kif ghandha tigi interpretata koncessjoni ta' dritt li wiehed jiftah u jqatta' barriera – punt dan li fil-fervur li jittrattaw il-kwistjoni dwar id-definizzjoni ta' *royalties* sfugga ghal kollox lill-partijiet kontendenti.

Il-fatt li dan it-Tribunal ma ghandux jinjora x'tghid il-gurisprudenza nostrali dwar, fil-kaz in ezami, kif ghandha tigi interpretata koncessjoni ta' dritt li wiehed jiftah u jqatta' barriera u minflok japplika principju jew interpretazzjoni rizultanti minn trattati, ligijiet, sistemi legali jew gurisprudenza barranija, jsib konferma f'dak osservat mill-Qorti Kostituzzjonali – li hija l-oghla Qorti fis-sistema guridika u legali nostrana – fis-sentenza fl-ismijiet **Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale v. Avukat Generali, Rikors Kostituzzjonali 725/99** deciza fl-1 ta' Gunju 2001: *din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tirribadixxi punt ta' natura fundamentali ghas-sistema legali ta' pajjizna. L-obbligu tal-Qrati taghna f'din is-sistema huwa (dejjem fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni) li tapplika l-ligijiet promulgati*

[25] Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata fl-4 ta' Mejju 2013.
[26] Vide n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti.

*mill-organu legislattiv ta' l-istat, anke fejn din il-Qorti jidhrilha illi xi ligi partikolari setghet, li kieku, tirregola b'mod ahjar u aktar espedjenti dik is-sustanza jew dik il-procedura li ghaliha giet promulgata. Fl-interpretazzjoni tal-ligijiet ta' pajjizna kif fuq imfisser din il-Qorti hija mghejjuna b'decizjonijiet precedenti taghha, ghax minkejja illi fis-sistema taghna ma jezistix il-kuncett ta' binding precedent huwa ovvju li pronunzjamenti precedenti ta' din il-Qorti fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni tant serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett*[27]. Ghalkemm f'din is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kienet qed taghmel referenza ghal sentenzi pronuncjati f'materja ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, it-Tribunal fermament jemmen li l-principju hemm enuncjat ma japplikax biss ghall-insenjamenti u sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'tali materja izda ghall-insenjamenti u sentenzi moghtija mill-Qrati l-ohra kollha fis-sistema guridika nostrali fil-varji materji li jaqghu taht il-kompetenza rispettiva taghhom.

Stabbilit dan il-punt, in kwantu rigwarda l-mod kif ghandha tigi interpretata koncessjoni ta' dritt li wiehed jiftah u jqatta' barriera t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Bertu Bonnici v. Pawlu Cilia et noe,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' April 1993[28] fejn il-Qorti osservat illi *skond gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati l-koncessjoni tad-dritt li wiehed jiftah u jqatta' barriera mhux kuntratt ta' lokazzjoni izda wiehed ta' bejgh ta' blat jew gebel. Ara f'dan ir-rigward Mercieca vs Cauchi Penza (Vol. XVIII.I.83) fejn inghad illi "La concessione del diritto di escavare pietre non costituisce una locazione ma sebbene una vendita delle pietre da estrarsi". Dan gie affermat ukoll fis-sentenzi ta' din il-Qorti in re Decesare vs Mamo (Vol. III, p. 514) u Zammit vs Magri (Vol. XIX.I.8) apparti li dejjem gie segwit mill-Qorti tal-Kummerc.*

Minn din is-sentenza johrog car li a tenur tal-gurisprudenza nostrali l-koncessjoni tad-dritt li wiehed jiftah u jqatta' barriera huwa kuntratt ta' bejgh ta' blat jew gebel hekk kif in effetti sottomess u argumentat mis-socjetà Rikorrenti. Dan il-principju ma jirrizultax u ma giex applikat biss fil-kuntest ta' kontestazzjoni ta' natura civili kif kienet appuntu dik trattata fil-kawza Bonnici v. Cilia et noe u fis-sentenzi l-ohra fiha citati, izda gie applikat u adoperat ukoll fil-kuntest ta' kontestazzjonijiet ta' natura fiskali u senjatament f'kontestazzjonijiet dwar taxxa fuq l-*income* hekk bhal per ezempju fid-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Kummissarji Specjali fil-Kawza Nru. 38 fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deciza fil-25 ta' Frar 1955, fejn il-Bord osserva li *huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-ghoti ta' ghalqa ghal skop ta' barriera, anki in korrispettiv ta' qbiela, mhix lokazzjoni, imma bejgh tal-gebel li jinsab fl-istess barriera: "la concessione di scavare pietra da una clausura*

[27] Sottolinear tat-Tribunal.
[28] Kollezzjoni tad-Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXVII – II-110.

*non costituisce una locazione delle medesime ma una vendita della pietra da estrarre, malgrado le parti abbiano dato al contratto il nome di locazione". (Briffa vs Schembri: Collez. Vol. XXX PII pag 76 u sentezi hemm citati). Ghalhekk l-erbatax-il lira fis-sena li l-appellant ihallas bhala qbiela jikkostitwixxu l-prezz ta' l-akkwist tal-gebel da parti tieghu, u kwindi meta huwa jaqta' u jerga' jibiegh l-gebel m'ghandux inaqqas hlief dawn l-erbatax-il lira fis-sena oltre l-ispejjez l-ohra tal-produzzjoni.* Ghalkemm din id-decizjoni inghatat fir-rigward tal-posizzjoni tal-persuna li kienet qed taqta' l-gebel mill-barriera, ma hemmx dubju l-interpretazzjoni tibqa' l-istess anke min-naha tal-proprjetarju tal-barriera li jkun ikkoncediha lit-terz biex jaqta' l-gebel minnha.

Fid-dawl ta' dawn il-principji johrog car ghalhekk li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, ma kienx korrett f'li jikkonsidra id-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni favur Joseph Magri matul is-sena bazi 1997 bhala royalties.

F'dawn il-proceduri d-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, ma ressaq l-ebda argument jew sottomissjoni konvincenti jew sodisfacenti ghalfejn dan it-Tribunal ghandu fil-kaz in ezami jiddipartixxi mill-interpretazzjoni già ezistenti fil-gurisprudenza nostrali fir-rigward tal-koncessjoni ta' art jew barriera ghall-qtugh ta' gebel u minflok japplika l-kuncett ta' *royalties* minnu adottat fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti. Frankament l-osservazzjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) li *fix-xhieda tieghu George Borg ikkonferma li: (a) dawn ir-royalties ma humiex trading income ghaliex il-kumpanija appellanta ma kienetx tifforma parti mill-operat tal-barriera u fil-fatt ma kellha xejn x'taqsam ma tali barriera; (b) l-income tal-kumpanija appellanta kien skond kemm jaqta' gebel l-operatur tal-barriera u ghalhekk ma kienetx kwistjoni ta' kera anzi, dan kien kaz tipiku ta' royalty minn barriera ghax li kieku kienu jiftehmu fuq pagament fiss fis-sena u mhux skond kull vjegg gebel li johrog mill-barriera* ma humiex sufficjenti u sodisfacenti bizzejjed biex jghelbu principju ormai stabbilit fis-sistema guridika nostrali, u dana mhux biss fil-gurisprudenza ta' natura civili izda anke fil-gurisprudenza ta' natura fiskali.

It-Tribunal josserva wkoll li s-sottomissjoni avvanzata minn George Borg fl-affidavit[29] tieghu, u cioè li *l-kuntratt li sar bejn Bartmik ta' l-Iklin Limited u Joseph Magri ma jistax jigi deskritt bhala kuntratt ta' bejgh. Dan minhabba li f'kuntratt ta' bejgh jigu identifikati min hu l-bejjiegh u min hu x-xerrej, mentri f'dan il-kuntratt gew identifikati "il-Kumpanija" u "l-Utilista" u ma kien gie indentifikat l-ebda oggett li kien qed jinbiegh. Kif ukoll ma kien qed jigi stabbilit ebda prezz ta' bejgh li kien definit u minghajr ekwivoku, imma giet stabbilita rata ghal vjeggi ta' gebel li l-utilista seta' johrog mill-barriera – ma kien hemm l-ebda obbligu fuq l-utilista li johrog xi gebel mill-barriera, imma l-uniku obbligu li kellu l-istess utilista kien li seta' jiehu mill-barriera sa' 110 dawriet*

---

[29] Fol. 257 sa' 265 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Limited v. Kummissarjuntat-Taxxi Interni", Rik. Nru. 72/11.

*mill-livell li kienet tinsab dakinhar tal-kuntratt biss u ma setghax jopera l-barriera ghal izjed minn tmien snin. Nghid illi ir-rata miftehma bejn il-kumpannija Bartmik ta' l-Iklin Limited u Joseph Magri kienet dik ta' Lm1.25 ghal kull vjegg gebel li l-utilista kien johrog (eskluz il-VAT) u Joseph Magri kien obbligat ihallas lill-kumpannija s-somma dovuta kull xahar u kif ukoll jaghti rendikont ta' l-operat tieghu kull gimgha, bil-hin ta' kull vjegg. Mill-kuntratt ta' bejniethom ma jidher li kien hemm xejn li jirregola n-numru ta' vjeggi gebel li l-utilista seta' johrog mill-barriera kull gimgha. Nghid illi ghal kuntrarju ta' dak li qed tallega l-kumpannija Bartmik ta' l-Iklin Limited qatt ma kien hemm kuntratt ta' bejgh ta' gebel bejn il-kumpannija u l-utilista. Nghid illi f'att ta' bejgh ikun hemm trasferiment ta' titolu, izda meta Joseph Magri hareg il-gebel mill-barriera t-titolu kien diga ghandu. Mhux hekk biss, f'att ta' bejgh irid ikun hemm att konxju mill-bejjiegh li qed jittrasferixxi t-titolu ghal oggett definit kemm fl-ghamla u kemm fil-kwantità ghal prezz definit u li x-xerrej kien qed jaccetta. Att ta' bejgh bhal dan ma setghax kien hemm ghax fil-hin li Joseph Magri kien qed johrog il-gebel mill-barriera, il-kumpannija appellanta ma kienetx tkun taf xi kwantità ta' gebel li jkun hiereg u allura, dato ma non concesso li l-kumpannija kellha t-titolu ghal gebel mahrug, it-transazzjoni ta' bejgh ma setghat qatt saret fil-punt li l-gebel hareg mill-barriera minhabba li l-hekk suppost bejjiegh ma kienx konxju ta' element kardinali ta' transazzjoni bhal din, li hi l-kwantità allegatament mibjugha, u fl-assenza ta' dan, transazzjoni bhal din qatt ma setghat saret*, ukoll ma teghlibx b'mod sodisfacenti l-principju iktar 'l fuq citat fir-rigward tan-natura tal-koncessjoni ta' art jew barriera ghall-qtugh ta' gebel.

Apparte l-fatt li in-natura legali tal-koncessjoni mertu tal-kontestazzjoni odjerna ma tinbidilx in bazi ghat-titolu li seta' gie attribwit lilha mill-partijiet kontraenti jew ghat-terminologija minnhom utilizzata peress illi tali natura tirrizulta primarjament mill-essenza ta' l-istess kontrattazzjoni u mhux min-nomenklatura jew terminologija utilizzata u adoperata mill-partijiet kontraenti, semplici osservazzjoni bhal dik avvanzata minn George Borg persuna li ma kien involut fl-ebda stadju tal-process li ghaddiet minnu s-socjetà Rikorrenti quddiem id-Dipartiment tat-Taxxi Interni izda li qed jaghmel osservazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tieghu ta' dak li rrizultalu minn vizjoni tal-*file* tad-Dipartiment relattiv ghall-kaz in ezami, ma tista' qatt teghleb principju studjat, accertat u accettat fis-sistema guridika nostrali.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jissottometti wkoll li ladarba fl-*audited* accounts taghha is-socjetà Rikorrenti stess iddeskriviet id-dhul taghha mill-koncessjoni ta' l-art a favur Joseph Magri bhala *royalties,* l-istess socjetà tirrikonoxxi li dak id-dhul jaqa' taht tali definizzjoni u konsegwentement id-Dipartiment tat-Taxxi Interni huwa gustifikat f'li jinterpreta tali dhul bhala *royalties* u li jqis il-qligh rizultanti bhala taxxabbli ai termini ta' l-Artikolu 4(1)(e) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta. Michael Sciortino, awditur tas-socjetà Rikorrenti, jirrikonoxxi li fl-*audited* accounts tal-kumpannija d-dhul mill-barriera gie deskritt bhala *royalties* izda jghid illi *din il-kelma minhabba n-natura tal-kuntratt ma kellhiex tirrizulta ghax hawnhekk*

*nerga' ntenni kienet kwistjoni ta' bejgh ta' gebel. Jiena nammetti illi l-kelma royalties kif intuzat ma kinitx qed tiddeskrivi b'mod ezatt in-natura tal-kuntratt. Wara illi nhargu l-financial statements b'dik il-kelma uzata fiha dawn ma regghux inbidlu. Nerga' nghid però li wiehed irid ihares lejn is-sustanza tal-ftehim iktar milli tal-kliem uzat[30].*

Fil-fehma tat-Tribunal il-mod kif is-socjetà Rikorrenti ddeskriviet id-dhul taghha mill-koncessjoni ta' l-art a favur Joseph Magri fl-*audited accounts* taghha ma jistax u ma ghandux iwassal ghall-bidla fin-natura vera w intrinseka tal-ftehim milhuq bejniethom, natura li kif già osservat ormai tinsab stabbilita fil-gurisprudenza nostrali. Il-mod kif is-socjetà Rikorrenti ddeskriviet id-dhul taghha mill-koncessjoni favur Joseph Magri huwa evidentement legalment zbaljat u dan l-izball ma ghandux jibqa' jigi perpetrat minn dan it-Tribunal billi in bazi ghal tali deskrizzjoni jiddetermina n-natura ta' tali dhul bhala *royalites* u mhux bhala *trading income* stante li wiehed mill-ghanijiet finali tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fil-kuntest ta' procedura ta' natura fiskali huwa appuntu dak li jiddetermina li *taxpayer* qed jigi intaxxat b'mod korrett mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, u li dak l-istess *taxpayer* ihallas l-ammont ta' taxxa minnu effettivament dovut lill-erarju fuq l-*income* tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kif korrettament sottomess mis-socjetà Rikorrenti d-dhul li hija ghamlet mill-koncessjoni tal-barriera favur Joseph Magri tul is-sena bazi 1997 jaqa' taht il-kategorija ta' qligh jew profitt minn negozju taxxabbli taht l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tnaqqis pretiz u telf dikjarat mis-socjetà Rikorrenti:**

It-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta kwistjoni ohra li hija centrali ghall-appell in ezami u cioè jekk it-tnaqqis pretiz u it-telf dikjarat mis-socjetà Rikorrenti ghandux jigi accettat jew inkella le.

Fl-Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrileva li s-socjetà Rikorrenti ma pprovdietx id-dokumenti tan-negozju taghha ghas-sena bazi 1997 u ghalhekk it-telf dikjarat ma setax jigi vverifikat. Fir-Rikors ta' l-Appell taghha s-socjetà Rikorrenti rribattiet ghal din ir-raguni u fil-fatt tat bhala wiehed mill-aggravji ta' l-appell taghha l-aggravju li ma hijiex obbligata tissupplixxi t-trade records taghha ghas-sena bazi 1997 peress illi ma ghandhiex l-obbligu li zzommhom ghal perijodu ta' zmien itwal minn disa' snin.

It-Tribunal hawnhekk assolutament ma jaqbilx ma' dan l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti ghas-semplici raguni li dawn id-dokumenti intalbu lilha fl-**14 ta' Lulju 1998**[31] u cioè ben entro t-terminu prefiss fil-Ligi ghaz-zamma tad-

---

[30] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, fol. 250 sa' 254 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rikors Nru.72/11.

[31] Vide ittra a fol. 143 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

dokumenti u kotba tan-negozju da parte ta' taxpayer. Kienet is-socjetà Rikorrenti li ghal ragunijiet li taf hi biss naqset milli tghaddi tali dokumentazzjoni waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni u anke waqt l-istadju ta' l-oggezzjoni. Ladarba s-socjetà Rikorrenti kienet taf già fl-1998 li l-Kummissarju kien qed jitlob din id-dokumentazzjoni minghandha, fl-istadju ta' l-oggezzjoni ma kellha l-ebda skuza in bazi ghal liema ma tipprovdihiex.

Detto ciò irrizulta li s-socjetà Rikorrenti eventalment ghaddiet xi id-dokumentazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-mori ta' l-appell, senjatament fis-27 ta' April 2010[32] u d-dokumentazzjoni hekk sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi giet minnu esebita fl-atti tal-proceduri odjerni permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Mejju 2017 a fol. 21 sa' 279 tal-process wara r-riappuntament, u dan in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-14 ta' Ottubru 2016 li biha giet annullata s-sentenza ta' dan it-Tribunal pronuncjata fis-7 ta' Jannar 2014 u l-atti rinvijati proprio biex tinghata decizjoni dwar l-appell tas-socjetà Rikorrenti fid-dawl ta' tali dokumentazzjoni.

Mid-dokumentazzjoni esebita ma jirrizulta xejn fir-rigward tat-telf dikjarat mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa taghha u minghajr tali prova t-Tribunal zgur ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni li r-raguni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni tas-socjetà Rikorrenti mill-likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 1998 in kwantu rigwarda t-telf minnha dikjarat ma hijiex gusta. Ai termini tal-Ligi u senjatament ai termini ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta l-oneru tal-prova li l-istima kontestata hija eccessiva jinkombi fuq l-appellant, f'dan il-kaz is-socjetà Rikorrenti, u apparte minn hekk ma ghandux ikun hemm dubju li sta ghas-socjetà Rikorrenti li tissosstanzja d-dikjarazzjonijiet minnha maghmula fid-denunzja tat-taxxa taghha.

In kwantu rigwarda t-tnaqqis pretiz mis-socjetà Rikorrenti jirrizulta[33] li hija tippretendi tnaqqis ta' Lm1,389, ekwivalenti ghal €3,235.50, rapprezentanti spejjez minnha allegatament inkorsi in konnessjoni mal-barriera koncessa lil Joseph Magri, liema tnaqqis ma giex accettat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fir-rigward ta' l-**ispejjez tal-barriera** dikjarati mis-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal iqis li ladarba gie stabilit li d-dhul tas-socjetà ghas-sena ta' stima 1998 mill-operat tal-barriera kien *trading income*, is-socjetà Rikorrenti ghandha tigi koncessa deduzzjonijiet skond l-Artikolu 14 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-qofol tal-kwistjoni kollha f'tali rigward però tinsab fid-definizzjoni ta' *expenses incurred in the production of income.*

Dan il-kuncett gie diversi drabi trattat mill-Qrati nostrali u s-sustanza tieghu hi li *biex spiza titnaqqas jehtieg li skond din il-ligi illi oltre li ma tkunx ta' natura*

[32] Fol. 272 tal-process ta' l-appell fil-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju Tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[33] Vide Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

*kapitali, hlief kif provdut fl-artikolu 14, tkun saret ghal kollox u biss ghall-produzzjoni ta' l-income. Dan ifissir li jrid ikollok relazzjoni bejn l-ispiza pretiza bhala deduzzjoni u l-income li tkun saret biex tipproduci*[34]. Il-Qorti ta' l-Appell kienet dahlet fid-dettal f'dan il-kuncett fis-sentenza fl-ismijiet **AB v. Albert Agius Ferrante P.L. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-12 ta' Lulju 1976, fejn appuntu osservat illi: *it-test fis-South Africa, fejn il-ligi ta' l-'income tax' ukoll tirrikjedi illi l-ispiza tkun 'actually incurred in the production of the income' (test li din il-Qorti ssibu ragonevoli u, in vista tas-similarità fil-lokuzzjoni, utilment applikabbli anki ghal kazijiet bhall-prezenti) huwa illi "to rank as deduction the expenditure must not only have been incurred for the purpose of earning 'income' as defined but there must be a sufficiently distinct and direct relationship or link between the expenditure incurred and the actual earning of the income" (Silke on South African Income Tax, 5th Edition, 1967, pages 171-172, bosta drabi citati minn din il-Qorti). F'dan il-kuntest tidher li hemm certa enfasi fuq il-kelma "direct". In bazi ghal din il-lokuzzjoni li f'dan ir-rigward hi simili ghal taghna hawn fuq premess (u differenti minn dik Ingliza, dak li ddetermina lill-Qorti tissofferma ruhha in materja fuq id-decizjonijiet relativi anzike fuq dawk Inglizi) gie deciz illi d-deduzzjoni tinghata jekk l-ispejjez huma hekk strettament konnessi mal-qligh ta' l-income li jitqiesu parti mill-cost tal-qligh tieghu (Port Elizabeth Electric Tramway Company ltd. v. CIR (1936) 8 SATC 13): jekk l-istrettezza tal-konnessjoni (closeness of the convention) hijiex sufficjenti essenzjalment jiddependi mic-cirkostanzi rettament valutati, ta' kull kaz partikolari*[35].

Jekk l-ispejjez tal-barriera reklamati mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa taghha ghas-sena ta' stima 1998 jigu kkunsidrati b'mod superficjali, tista' tintlahaq il-konkluzzjoni zbaljata li dawn fil-fatt huma deducibbli ai termini tal-Ligi. Però konsiderazzjoni akkurata tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz twassal ghal risposta ferm differenti, u cioè twassal ghall-konkluzzjoni li bhala fatt dawn l-ispejjez ma humwiex deducibbli.

L-ispejjez reklamati mis-socjetà Rikorrenti ma kienx fl-obbligu taghha li taghmilhom ghall-finijiet u verso d-dhul taghha mill-istess barriera. Di fatti l-ftehim ma' Joseph Magri huwa ferm car fir-rigward: *(4) L-utilista huwa awtorizzat juza s-segwenti ghodod u makkinarju u cioè l-Generator Leyland 600, Magna ta' l-isingjar (taqta taht), Gunfire, Gunfire ta' l-invjar, wires tal-magni; (5) L-utilista huwa responsabbli ghall-hsarat u serq ta' makkinarju u ghodod; spejjes tad-dawl u elettriku a kariku ta' l-utilista; (6) spejjez ta' permessi u kwalsiasi eventuali taxxa fuq l-immobbli imsemmi jkunu a kariku ta' l-utilista kwantu ghal terz u kwantu ghal zewg terzi a kariku tal-kumpannija*[36]. Minn dawn il-klawsoli tal-ftehim datat 9 ta' Jannar 1996

---

[34] A.B. Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2004 - Kawza Nru. 191 Decisions of the Court of Appeal, Vol.6 pg. 380.

[35] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 2 pg. 256.

[36] Dok. "MS1" a fol. 44 sa' 46 tar-Rikors fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

jirrizulta li l-unika spiza li kellha ggorr is-socjetà Rikorrenti kienet dik ta' 2/3 mill-ispejjez inkorsi ghall-permessi fuq il-barriera in kwistjoni.

Joseph Magri biss kellu l-obbligu li jaghmel l-ispejjez indikati fil-ftehim, ad eccezzjoni tal-permessi kif già rilevat, u ghalhekk lanqas jista' jinghad li jekk is-socjetà Rikorrenti ma tagmilx l-ispejjez in kwistjoni seta' kien hemm il-possibilita li Magri jirrexxindi l-ftehim milhuq maghha, u b'hekk jippregudika id-dhul taghha. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li l-ispejjez allegatament inkorsi mis-socjetà Rikorrenti relattivament ghall-barriera ma jistax jinghad li kellhom *a distinct and direct relationship or link between the expenditure incurred and the actual earning of the income*. Kif gia rilevat l-unika eccezzjoni ghal din l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzjoni hija l-ispiza, o meglio 2/3 ta' l-ispiza relattiva ghall-licenzja u permessi fuq il-barriera stante li nuqqas f'dan ir-rigward seta' effettivament jipperikola d-dhul tas-socjetà mill-barriera. Fir-rigward ta' tali spiza tul is-sena bazi 1997 ma tressqet l-ebda prova u ghalhekk ma tistax tinghata deduzzjoni taghha.

Min-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) jirrizulta wkoll li ghas-sena ta' stima 1998 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma accettatx deduzzjonijiet ohra pretizi mis-socjetà Rikorrenti u dana senjatament **spejjez amministrattivi** reklamati minnha fl-ammont ta' Lm9,123, illum ekwivalenti ghal €21,250.87. L-ammont pretiz mis-socjetà Rikorrenti huwa maqsum bil-mod segwenti: motor vehicle expenses - Lm2,583, illum ekwivalenti ghal €6,016.77; sundry expenses - Lm31, illum ekwivalenti ghal €72.21; insurance - Lm2,109, illum ekwivalenti ghal €4,912.65; legal & professional fees - Lm575, illum ekwivalenti ghal €1,339.39; licenses & permits - Lm607, illum ekwivalenti ghal €1,413.93; audit fee - Lm250, illum ekwivalenti ghal €582.34; telephones - Lm238, illum ekwivalenti ghal €544.39; bank charges - Lm40, illum ekwivalenti ghal €93.17; bank interest - Lm2,690, illum ekwivalenti ghal €6,266.01.

Il-Kummissarju ma accettax tali deduzzjoni ghar-raguni li s-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' l-istess. Mill-gdid jigi rilevat li ghalkemm id-dokumentazzjoni in sostenn ta' l-ispejjez reklamati mis-socjetà Rikorrenti ma gietx minnha sottomessa la fil-kors ta' l-investigazzjoni u lanqas tul il-process ta' oggezzjoni mill-likwidazzjoni ta' taxxa mahruga fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 1998, din l-istess dokumentazzjoni giet minnha sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi fl-2010[37], ossia fil-mori ta' dan l-appell. Id-dokumentazzjoni hekk sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxi giet minnu esebita fl-atti tal-proceduri odjerni permezz ta' Nota ipprezentata fil-11 ta' Mejju 2017 a fol. 21 sa' 196 tal-process wara r-riappuntament, u dan in segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ta' l-14 ta' Ottubru 2016 li biha giet annullata s-sentenza ta' dan it-Tribunal pronuncjata fis-7 ta' Jannar 2014 u l-atti rinvijati proprio biex tinghata decizjoni dwar l-appell tas-socjetà Rikorrenti fid-dawl ta' tali dokumentazzjoni.

[37] Fol. 272 tal-process ta' l-appell fil-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju Tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

Minn analizi ta' din id-dokumentazzjoni t-Tribunal jikkonkludi li s-segwenti ammonti ghandhom jigu koncessi lis-socjetà Rikorrenti bhala deduzzjonijiet ghas-sena ta' stima 1998:

- Motor Vehicle Expenses: Lm313.51, illum ekwivalenti ghal €730.28, liema ammont jirrizulta ppruvat mid-dokumenti a fol. 88, 96, 102, 114, 115, 122, 132, 247, 274 tal-process wara r-riappuntament;
- Legal & Professional fees: Lm169.25, illum ekwivalenti ghal €394.25, liema ammont jirrizulta ppruvat mid-dokumenti a fol. 249 u 275 tal-process wara r-riappuntament; u
- Telephones: Lm127.67, illum ekwivalenti ghal €297.39, liema ammont jirrizulta ippruvat mid-dokumenti a fol. 72, 86, 98, 112, 127, 129, 134, 255 u 272 tal-process wara r-riappuntament.

L-ispejjez amministrattivi l-ohra reklamati mis-socjetà Rikorrenti baqghu ma gewx minnha debitament sostanzjati, jew ghaliex ma kienx hemm dokumentazzjoni fir-rigward jew inkella ghaliex id-dokumentazzjoni sottomessa ma fihix indikazzjoni li tipprova b'mod sodisfacenti li l-ispiza giet fil-fatt inkorsa mis-socjetà Rikorrenti bhala spiza amministrattiva.

B'hekk l-ammont komplessiv ta' spejjez amministrattivi li ghandhom jigu koncessi bhala deduzzjoni lis-socjetà Rikorrenti huwa ta' **Lm610.43**, illum ekwivalenti ghal €1,421.92.

It-Tribunal josserva wkoll li s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ghas-sena ta' stima 1998 kellha **tnaqqis kapitali** mhux assorbit ta' Lm5,838, illum ekwivalenti ghal €13,598.88. Dan it-tnaqqis kapitali jikkonsisti fl-ammont ta' Lm4,174, illum ekwivalenti ghal €9,722.80, bhala *amount brought forward,* fl-ammont ta' Lm57, illum ekwivalenti ghal €132.77, bhala *initial allowance* u fl-ammont ta' Lm1,607, illum ekwivalenti ghal €3,743.30, bhala *wear and tear allowance*. Mandanakollu però is-socjetà Rikorrenti ma indikatx u ma ressqitx prova ma xiex dan it-tnaqqis kapitali huwa allaccjat. In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni), illum Kummissarju tat-Taxxi, jissottometti li *l-Capital Allowances li gew mitluba mill-kumpannija appellanta bhala deduzzjoni ma gewx accettati minhabba l-fatt li dawn ma gewx la spjegati fir-rigward ta' kif gew ikkalkolati u lanqas ingabet dokumentazzjoni li turi li l-assi li dwarhom qeghdin jintalbu l-Capital Allowances verament jezistux jew le.* Is-socjetà Rikorrenti baqghet ma ressqet l-ebda prova fir-rigward u ghalhekk baqghet ma ippruvatx b'mod sodisfacenti li l-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, ma hijiex ragjonevoli u kuntrarja ghall-Ligi.

**Margin of Profit:**

Trattati dawn il-punti t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta l-kwistjoni tal-*margin of profit* applikabbli fil-kuntest tan-negozju l-iehor gestit mis-socjetà

Rikorrenti, ossia n-negozju ta' bejgh ta' proprjetà. Jirrizulta inkontestat illi fl-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti kemm ghas-sena ta' stima 1998 mertu ta' dawn il-proceduri kif ukoll ghas-snin ta' stima 1999, 2000, 2001, 2003 u 2004 mertu ta' l-appelli l-ohra quddiem dan it-Tribunal, l-istess Kummissarju applika *profit margin* ta' 26%. Hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti dwar min minnhom effettivament hareg b'dan il-*margin of profit* ta' 26% u konsegwentement jekk ghandux dan it-Tribunal jikkonferma tali *margin of profit* [kif pretiz mid-Direttur Generali (Taxxi Interni)] jew inkella ghandux japplika il-*margin of profit* mahdum mis-socjetà Rikorrenti fil-prospetti tat-taxxa minnha sottomessi ghas-snin ta' stima relattivi.

Hawn ukoll jigi osservat li din il-kwistjoni giet trattat u determinata fl-appelli l-ohra li kien hemm quddiem it-Tribunal, gia iktar 'l fuq imsemmija, is-sentenzi fir-rigward ta' liema llum huma *res judicata*. Detto ciò però jigi osservat illi:

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li dan il-percentwal ta' 26% fir-rigward tan-negozju ta' bejgh ta' proprjetà ezercitat minnha, li hi ssejjahlu *gross profit margin*, originarjament gie suggeriti mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u hi kienet disposta taccettah kemm-il darba jintlahaq ftehim fuq il-kwistjonijiet kollha li kellhom bejniethom. Ladarba tali ftehim komplessiv ma ntlahaqx tikkontendi li dak il-percentwal ma kellux jigi applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement tattakka l-istimi mahruga kontra taghha kif ibbazati fuq tali percentwal bhala arbitrarji w eccessivi.

Fir-rigward Michael Sciortino xehed illi *gew esebiti l-accounts mad-dipartiment izda dawn ma gewx accettati u r-raguni kienet illi fil-fehma tad-dipartiment, is-socjetà suppost ghamlet margin ahjar jigifieri suppost ghamlet aktar qligh minn dan in-negozju. Min-naha tad-dipartiment gejna nfurmati illi suppost kien qed jintwera gross margin ta' 26% madanakollu ma nghatajniex spjegazzjoni minn fejn gie dan il-percentagg u kif inhadem*[38]*. ... Id-dokument MS02*[39] *li gie esebit illum huwa dokument li nghata lili mid-dipartiment u senjatament minn Gareth Sciberras u dana kien fl-istadju ta' l-investigazzjoni. Malli jiena rcevejt dan id-dokument imbagahd permezz ta' e-mail datat 18 ta' Jannar 2006, jiena kont bghatt lid-dipartiment kontro-proposta ghal dan l-istess dokument. Dan id-dokument kien il-workings tad-dipartiment kif kien bi hsiebu jmexxi fuq il-bazi tat-26%. Fil-fatt fuq l-istess metodu kif hadem id-dipartiment, jiena hrigt il-figuri tieghi u dan huwa d-dokument li gie esebit mid-dipartiment stess mad-dokumenti esebiti fis-seduta precedenti però bhala figura ma qbilniex. Ahna l-aktar li ma qbilniex kien fuq is-snin ta' stima 1999, 2002 u 2003. Ghas-sena ta' stima 1999 ma qbilniex ghar-raguni li id-dipartiment ma ppermettewx il-losses brought forward jigifieri t-tax losses. Fir-rigward tas-snin ta' stima 2002 u 2003 il-percentwali kien oghla jigifieri*

---

[38] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, fol. 40 sa' 43 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[39] Fol. 231 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

*l-gross margin kien hareg oghla mit-26% allura kellhom jaghtuna certa tax credits. Din id-dokumentazzjoni jigifieri l-MS02 u l-e-mail li bghatt jiena bil-workings tieghi kienu biss bl-iskop li forsi naslu u peress illi l-ftehim ma ntalhaqx dak li nghad hemmhekk ma baqax jghodd. Nerga' nghid li id-dokument MS02 kien tahuli Gareth Sciberras. Huwa kien tani dan id-dokument by hand, u dan fil-fatt huwa l-original li kien tani Garreth Sciberras. Tant hu hekk li tidher il-watermark tal-Gvern ta' Malta*[40]*. … B'referenza ghall-e-mail li jiena bghatt lil Gareth Sciberras tat-18 ta' Jannar 2006, nghid li l-aggustamenti li kont ghamilt kienu fis-sens li f'dawk is-snin fejn il-margin of profit kien aktar minn 26% kif konna ftehmna, nizziltu ghal 26% però fejn kienu ghola ma naqqashomx. Irrid niccara mat-Tribunal illi meta jiena kont qed niskambja din il-korrispondenza mad-dipartiment u jidher li kien hemm forma ta' qbil dwar margins of profit irrid nghid li dana kien qed isir f'kuntest ta' diskussjonijiet li kienu qed isiru biex nippruvaw naslu mad-dipartiment. Meta persuna jircievi assessments minghand id-dipartiment u jinfethu l-investigazzjonijiet, ghal dak li jkun ikun inkwiet kbir u allura lis-Sur Agius partikolarment kont tajtu parir biex nippruvaw naraw nistghux naslu halli anki huwa ma jkomplix ikabbar l-ispejjez tieghu ghaliex eventwalment jidhlu l-avukati u jkun hemm aktar spejjez tieghi bhala accountant kif ukoll imghaxijiet. Dana dejjem kien isir f'kuntest ta' minghajr pregudizzju. Jiena fil-fatt kont issottomettejt il-proposta li kienet saret mid-dipartiment meta imbaghad l-istess dipartiment dar lura minn dik il-proposta u fetahli aktar snin, jien hemmhekk waqaft u ma bqajniex niddiskutu*[41]*. …. Fir-rigward tal-margin of profit tat-26% nerga' ntenni li dan kien margin of profit biex nghid hekk mahdum arbitrarjament mid-dipartiment. Madanakollu, meta mort lura u rajt il-qliegh li sar mill-bejgh tad-diversi proprjeta', l-ispejjez inkorsi u l-losses illi kien hemm rajt illi d-differenza bejnietna ma kinitx daqshekk kbira u kienet tkun iktar worth it milli s-socjeta' taghmel snin twal f'kawzi pendenti. Nghid ukoll illi sena partikolari minnhom, il-margin of profit kien iktar minn 26% kif dikjarat mid-dipartiment, pero', ladarba d-dipartiment hareg dak il-margin, jien naqqastu accordingly izda dan it-tnaqqis ma giex accettat mid-dipartiment stess. Jekk wiehed jara d-dokumentazzjoni esebita lid-dipartiment jistghu jinhargu l-margins of profits ghas-snin in kwistjoni. Ghal numru minn snin kien il-margin of profit inqas minn dak stabbilit mid-dipartiment. Nerga' nghid pero' kien hemm sena partikolari fejn dan kien izjed. Madanakollu nerga' ntenni li meta hadt in consideration kollox, id-dipartiment spicca biex ma accettax il-proposta finali taghna. Ghalkemm jiena kont bghatt email lil Gareth Sciberras illi konna disposti naslu fil-ftehim li kien gie akkordat ma' Pacifico u Paul Agius, nghid illi dak il-ftehim waqa' u spicca ma gie miftiehem xejn u jidhirli li m'ghandix ghalfejn inkompli nelabora fuqu.*

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) da parte tieghu jikkontendi li n-*net profit margin* u mhux *gross profit margin* kif deskritt mis-socjetà Rikorrenti, ta' 26%

[40] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2012, a fol. 234 u 235 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

[41] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2012, fol. 243 sa' 248 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

fir-rigward tan-negozju ta' bejgh ta' proprjetà ezercitat mis-socjetà Rikorrenti harget bih l-istess socjetà u dan kien l-uniku *net profit margin* diskuss bejniethom. Fir-rigward fl-affidavit tieghu George Borg jghid illi *l-kumpannija appellanta pproponiet lid-Dipartiment li hi taggusta d-dikjarazzjonijiet fiskali taghha ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004. Fil-fatt il-kumpannija appellanta ipproponiet li n-Net Profit Margin rigward il-bejgh ta' proprjetà jigi aggustat biex jigi jaqra 26% tal-valur tal-bejgh, u dan biex ikun simili ghal ftehim li d-Dipartiment kien diga lahaq ma' individwi ohra li kienu business partners taghhom. Imma huma issuggerew ukoll li l-pagi dikjarati fil-profit & loss accounts ghas-snin ta' stima in kwistjoni jigu accettati mid-Dipartiment bhala deduzzjoni minhabba li dawn kienu diga dikjarati bhala dhul fil-formoli tat-taxxa tad-diretturi tal-kumpanija appellanta. Nghid illi ghalkemm id-Dipartiment wera ruhu favorevoli ghall-proposta tal-kumpannija appellanta rigward in-Net Profit Margin ta' 26% fir-rigward ta' l-izvilupp ta' proprjetà u l-proposta rigward il-pagi, kien baqa' ma ntlahaqx ftehim rigward: i. it-telf migjub il-quddiem mis-snin ta' qabel; u ii. l-ispejjez li kienu qed jigu mitluba bhala deduzzjoni mir-Royalties ricevuti minghand l-utilista tal-barriera li kellha l-kumpannija. Il-kumpannija kienet qed targumenta li dak li hi iddikjarat bhala Royalty Income ma kienux attwalment royalties imma dhul mill-qtug tal-gebel mill-barriera taghhom. ... Nghid illi ghalhekk ma setghax jintlahaq ftehim bejn il-partijiet u minhabba li l-kumpannija baqghet tirrifjuta li tforni d-dokumenti necessarji d-Dipartiment estenda l-istharrig tieghu ghas-snin ta' stima 1999, 2001, 2002, 2003 u 2004. Ta' min jghid li kien hemm diga oggezzjonijiet ghal likwidazzjonijiet mahruga ghas-snin ta' stima 1996, 1997 u 1998. Nghid illi fit-18 ta' Jannar 2006 Michael Sciortino kiteb f'isem il-kumpannija (Dok. 6) u ppropona li l-istess kumpannija taggusta d-dikjarazzjoni fiskali taghha ghas-snin ta' stima 1999 sa' 2004 ghall-linja ta' xoghol li kienet tirreferi ghall-izvilupp tal-proprjetà. Din il-proposta kienet issuggeriet li n-Net Profit fuq il-bejgh tal-proprjetà jigi stabbilit ghal figura ta' 26% tal-valur tal-bejgh, u li minn dan in-Net Profit jitnaqqsu l-pagi tad-diretturi ghax dawn kienu diga ddikjarati fil-formoli tat-taxxa taghhom. Kien hemm ukoll tnaqqis iehor bhala Capital Allowances ghas-snin ta' stima 1999 u 2000. Nghid illi din il-proposta kienet wahda accettabbli ghad-Dipartiment tat-Taxxi Interni in kwantu kienet konformi mal-linja li kienet ittiehdet f'Audits ohra li kienu saru fuq il-business partners tal-kumpannija Bartmik ta' l-Iklin Limited u kien abbazi ta' dan li wara l-istadju tal-verifika, l-istess Dipartiment assessja dan il-qligh kif gej:* ghas-sena ta' stima 1998 – Lm19,100, illum ekwivalenti ghal €44,491.03, (bejgh ta' proprjetà), Lm14,134, illum ekwivalenti ghal €32,923.36, (spejjez ta' xiri ta' art u bini kif mitqies mill-IRD) Lm4,966, illum ekwivalenti ghal €11,567.67, (qligh kif mitqies mill-IRD) 26% (percentwal ta' qligh). *Nghid illi madanakollu ftehim ahhari baqa' ma sarx minhabba li: a. Id-Dipartiment ma kienx qed jaccetta li jkun hemm deduzzjoni mid-dhul li l-kumpannija kienet qeghda taghmel mir-Royalties li kien qeghda taqla mill-barriera ghaliex: ma kien hemm imkien provdut fil-ligi ghal deduzzjonijiet bhal dawn; il-kuntratt stess ta' bejn il-kumpannija appellanta u Joseph Magri kien jghid li l-utilista tal-barriera kien responsabbli ghal hsarat u serq ta' makkinarju u ghodod u li spejjez tad-dawl u elettriku kellhom ikunu a kariku*

*ta' l-utilista. b. Minhabba li d-Dipartiment baqa' jsostni li losses brought forward ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni minhabba li d-Dipartiment qies li dawn il-losses kienu gejjin minn Royalties ricevuti mill-barriera w abbazi ta' (a) hawn fuq, ma setghux ikun hemm losses bhal dawn.*

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jishaq li *l-uniku percentwal ta' net profit margin fuq bejgh ta' proprjetà li gie diskuss bejn id-Dipartiment u Michael Sciortino kien dak ta' 26%, u dan skond ix-xewqa ta' l-istess kumpannija appellanta li jintlahaq ftehim simili ghal dak milhuq ma' Paul u Pacifico Agius, li kienu partners in business mal-kumpannija appellanta (ara fol. 114) – u dan gie accettat mill-kumpannija appellanta (ara fol. 108), u ghamluh taghhom tant li Michael Sciortino talab id-Dipartiment ghal opinjoni tieghu dwar il-percentwal sabiex ikun jista' jikkomunika dwar dan mal-klijenti tieghu (a fol. 122 tal-process). Kif tista' l-kumpannija appellanta issa tallega li l-istess percentwal ta' 26% hu xi benchmark li d-Dipartiment applika arbitrarjament fil-kaz taghha. Jekk kien hemm benchmark dak iz-zmien li saret il-verifika, dan kien izjed iqarreb l-40% tar-rikavat mill-bejgh tal-proprjetà, u mhux 26% kif gie applikat f'dan il-kaz*[42].

It-Tribunal ezamina d-dokumentazzjoni kollha sottomessa minn George Borg in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) meta gie prodott in subizzjoni mis-socjetà Rikorrenti, liema dokumentazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "GB1" a fol. 88 sa' 221 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11, u ezamina bir-reqqa x-xhieda moghtija minn Michael Sciortino waqt diversi seduti mizmuma, u jistqarr li mill-istess ma jirrizultax b'mod car u konkret min mill-partijiet kontendenti effettivament hareg bil-proposta li *margin of profit* tas-socjetà Rikorrenti relattiv ghan-negozju ta' bejgh ta' proprjetà jigi iffissat fil-percentwali ta' 26% tal-valur tal-bejgh.

Ghalkemm George Borg jishaqq li fir-rigward kienet is-socjetà Rikorrenti li harget b'din il-proposta u d-Dipartiment kien accetta l-istess tant illi fuq dan il-punt kien hemm qbil bejniethom, ix-xhieda tieghu trid tigi kkunsidrata b'certa kawtela ghaliex jigi ribadit illi huwa ma kienx involut fl-istadju tal-process fejn saru tali diskussjonijiet u allura ma jafx ezatt x'gara u x'intqal waqthom izda semplicement qed jigbed deduzzjonijiet mill-*file* tad-Dipartiment dwar dan il-kaz. Mill-korrispondenza ezebita mill-istess George Borg u senjatament mill-ewwel dokument relattiv, ossia l-e-mail ta' Michael Sciortino lil Gareth Sciberras datata 18 ta' Jannar 2006 a fol. 122 tal-process tar-Rikors Nru. 72/11, jirrizulta biss li Sciortino qed jirrispondi fil-kuntest ta' **diskussjonijiet** li già kienu ghaddejjin bejn il-partijiet – *as discussed last time I have adjusted the schedule you had sent me and these are the summary of differences between what the company declared and the profit adjusted at 26%. The accumulated losses relate to accounting periods prior to Year of Assessment 1998 and which are not contested* – imma minn imkien ma jirrizulta min kien hareg bil-proposta ta'

[42] Para. 31 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) ipprezentata fil-15 ta' Mejju 2013.

26%. Jekk xejn din l-e-mail tikkonferma dak affermat minn Michael Sciortino li d-dokument Dok. "MS02" a fol. 231 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11 inghata lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni bil-percentwal ta' profitt kalkolat bir-rata ta' 26% u allura d-dokument anness ma' l-e-mail tieghu tat-18 ta' Jannar 2006 kien kontro-proposta ghall-*workings* proposti mid-Dipartiment.

Dana però huwa argument distint miz-zewg kwistjonijiet li fil-fehma tat-Tribunal huma centrali ghall-mertu ta' dawn il-proceduri fir-rigward ta' l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 1998 in kwantu rigwarda l-qligh min-negozju ta' bejgh ta' proprjetà ezercitat mis-socjetà Rikorrenti, stante li tali stima – kif ukoll l-istimi l-ohra li minnhom kien hemm appell pendenti quddiem dan it-Tribunal hlief ghas-sena ta' stima 1997 peress illi s-socjetà Rikorrenti kienet ghadha ma bdietx dan it-tip ta' negozju tul is-sena bazi 1996 – hija effettivament ibbazata minn dan l-aspett fuq *margin of profit* ta' 26%. In effetti t-Tribunal huwa tal-fehma li indipendentement minn min seta' hareg bil-percentwal ta' 26% bhala l-*margin of profit* tas-socjetà Rikorrenti minn negozju msemmi, dak li jrid jigi kkunsidrat huwa: (i) jekk dan il-percentwal fl-ahhar mill-ahhar giex ammess mis-socjetà Rikorrenti bhala *margin of profit* ragjonevoli minn negozju ta' bejgh ta' proprjetà; u (ii) jekk ma tirrizultax tali ammissjoni, huwiex fi kwalunkwe kaz *margin of profit* gustifikat u korrett jew inkella huwiex *margin of profit* inspjegabbli b'dana li l-istimi mahruga kontra s-socjetà Rikorrenti, inkluz dik mertu ta' l-appell odjern, jirrizultaw li huma eccessivi.

It-Tribunal fela bir-reqqa d-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) tramite George Borg u senjatament l-iskambju ta' korrispondenza bejn Michael Sciortino in rapprezentanza tas-socjetà Rikorrenti u r-rapprezentanti tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni[43] u fil-fehma tieghu minn tali korrispondenza jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti effettivament tirrikonoxxi u tammetti li margin of profit ta' 26% minn negozju ta' bejgh ta' proprjetà huwa margin of profit ragjonevoli w accettabbli, u bhala fatt tali margin of profit gie accettat minnha u b'hekk illum ma hijiex gustifikata f'li tikkontestah. Huwa veru li l-e-mail tat-18 ta' Jannar 2006 li Michael Sciortino baghat lil Gareth Sciberras fejn huwa ippropona l-workings tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward ta' l-income taxxabbli taghha mill-bejgh ta' proprjetà wara li ha in konsiderazzjoni losses brought forward mis-snin ta' qabel, inbaghtet bla pregudizzju izda minn korrispondenza sussegwenti jirrizulta li fir-rigward tal-percentwal ta' margin of profit ma kienx hemm iktar kontestazzjoni u l-kontestazzjoni baqghet limitata ghan-natura tad-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni ta' l-art a favur Joseph Magri u ghad-deduzzjonijiet li l-istess socjetà setghet jew ma setghetx titlob ghall-fini li jigi kkalkolat l-income taxxabbli taghha.

[43] Dok. "GB1" a fol. 89 sa' 123 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

L-e-mail li Michael Sciortino baghat lil Gareth Sciberras fl-4 ta' Mejju 2006[44] – u dana f'data qabel ma nhargu l-istimi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti – hija cara. Fiha jinghad bl-iktar mod car li *the company reiterates its position in that it is willing to accept an arrangement in line with that agreed with Paul and Pacifico Agius* – minn liema skond il-provi prodotti effettivament inhareg il-percentwal ta' 26% bhala *margin of profit* ragjonevoli minn negozju ta' bejgh ta' proprjetà – *and in accordance with our previous correspondence. In the meantime I am including with this email a copy of the agreement entered into between the company and Joseph Magri for the operation of the quarry. You can see clearly that the Royalties is compensation for the stone cut by Mr. Magri from the quarry. This is not rent of a piece of land. In the circumstances we think that the meeting for Monday 8 May 2006 is not necessary. On behalf of the company I would lie to reiterate that we are prepared to reach an agreement with the department.* In segwitu ghal dik l-e-mail u sakemm inhargu l-istimi kontra s-socjetà Rikorrenti fl-10 ta' Lulju 2006, baqghu ghaddejjin id-diskussjonijiet fir-rigward tan-natura tad-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni ta' l-art favur Joseph Magri u dwar id-deduzzjonijiet li setghet jew ma setghetx titlob izda l-percentwal ta' *margin of profit* ma jissemma imkien iktar, anzi jirrizulta li dak kien *margin of profit* accettat, u kuntrarjament ghal dak affermat minn Michael Sciortino ma jirrizultax li s-socjetà Rikorrenti kienet f'dak l-istadju qed tinsisti li dan il-*margin of profit* joghod biss kemm-il darba jkun hemm ftehim fuq kollox. Tant hu hekk li f'e-mail datata 22 ta' Marzu 2007[45] – ossia fi zmien wara li nhargu l-istimi u giet sottomessa oggezzjoni minnhom – Michael Sciortino tenna ma' Ruth Mercieca, rapprezentant ohra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni – li *my client was and still is willing to reach an agreement with the Department and we had communicated such intentions to the other section of the Inland Revenue. We had even agreed on the figures. What we disagreed was on the interpretation of the company's income from the sale of stone which the Department is interpreting badly. My previous email to this effect referes. I have given you all the legal explanations to substantiate our point of view. The Department has not even tried to explain the basis of the Department's contention let alone rebut any of my arguments. As you know I requested a meeting with the Commissioner of Inland Revenue to try and resolve this impasse. I reiterate that my client is willing to reach an agreement. To date he has not replied to my request. I think that the least you could do is to explain the Department's reasons for its interpretation of the law. How can you interpret payments received for stone cut and removed from the quarry is termed as "income from property"?*

Minn din l-e-mail tirrizulta konferma li l-kwistjoni li dwarha ma kienx hemm qbil kienet dik dwar in-natura tad-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni ta' l-art a favur Joseph Magri. F'e-mail ohra datata 3 ta' April 2007[46] Michael

[44] Fol. 114 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[45] Fol. 108 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.
[46] Fol. 104 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

Sciortino mill-gdid tenna li *my client is certainly prepared to meet and discuss the matter. From the file you will see that we had already agreed on a way forward with regards to the property developments part of the business and the stumbling block was the Department's interpretation of the quarry business.* Kien biss f'punt inoltrat ta' l-istadju ta' l-oggezzjoni u meta ra li Dipartiment kien se jibqa' jinsisti fuq l-interpretazzjoni tieghu tad-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni ta' l-art lil Joseph Magri bhala *royalties* illi Michael Sciortino beda jargumenta li ma kienx minnu li kien hemm qbil bejn is-socjetà Rikorrenti u d-Dipartiment li l-*margin of profit* minn negozju ta' bejgh ta' proprjetà kien ta' 26%, argument dan li baqa' jigi mtenni anke matul il-kors ta' dawn il-proceduri. It-Tribunal però ma jistax jaccetta tali posizzjoni tas-socjetà Rikorrenti meta mill-provi dokumentarji prodotti f'dawn il-proceduri jirrizulta bl-iktar mod car li s-socjetà kienet effettivament accettat li l-*margin of profit* taghha minn negozju imsemmi kien ta' 26%.

Fi kwalunkwe kaz anke kieku stess tali accettazzjoni ma kenitx tirrizulta mill-provi prodotti, fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li *margin of profit* ta' 26% applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kuntest ta' negozju tal-bejgh ta' proprjetà huwa *margin of profit* inspjegabbli u b'hekk mhux ragjonevoli.

Mill-atti jirrizulta li l-*margins of profit* originarjament kalkolati mis-socjetà Rikorrenti fil-prospetti tat-taxxa taghha ghas-snin ta' stima 1998, 1999, 2000, 2001, 2002 u 2004 fir-rigward tal-bejgh ta' proprjetà gew ikkalkolati billi mill-valur tal-proprjetà mibjugh tul kull sena bazi relattiva tnaqqsu l-ispejjez ta' xiri ta' art u bini b'dana li rrizulta l-qligh skond l-istess socjetà u b'hekk harget il-percentwali ta' qligh, li fil-kaz tas-sena ta' stima 1998 kien ta' 20%. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hadem il-*margins of profit* ghall-imsemmija snin ta' stima bl-istess mod b'dana però li skond il-kalkoli tieghu l-percentwali ta' qligh ghal kull sena kien ta' 26%. Id-differenza bejn il-kalkoli tas-socjetà Rikorrenti u tad-Dipartiment hija fl-ispejjez li gew accettati mill-istess Dipartiment stante li jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) illi d-Dipartiment accetta l-valur tal-bejgh tal-proprjetà kif dikjarat mis-socjetà Rikorrenti fil-prospetti tat-taxxa taghha. Ghas-snin ta' stima kollha hlief ghas-sena ta' stima 2002, id-Dipartiment naqqas l-ammont ta' spejjez dikjarati mis-socjetà Rikorrenti b'dana ghalhekk li l-*margin of profit* zdied minn dak dikjarat mis-socjetà Rikorrenti skond is-sena ta' stima in kwistjoni ghal 26%.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jispjega kif wasal ghall-figura ta' spejjez accettati minnu bil-mod segwenti: *l-ispejjez ta' zvilupp li gew accettati gew ristretti ghal figura li tirrapprezenta 74% tal-valur tal-bejgh ta' proprjetà. L-ammont ta' spejjez ta' zvilupp li ma gewx accettati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, minhabba li ma gewx sostnuti b'dokumentazzjoni, intwasal ghalih kif gej .... Fil-kaz tas-sena ta' stima 2002,*

*id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien lest jaccetta b'kemm jiswew Lm4,660 spejjez izjed minn kemm fil-fatt tablet il-kumpannija appellanta*[47].

Minn dan jirrizulta ghalhekk li s-socjetà Rikorrenti kien jehtigilha tipprova b'mod sodisfacenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) l-ispejjez minnha inkorsi fil-kuntest tal-bejgh ta' proprjetà kienu effettivament dawk minnha dikjarati fil-prospetti tat-taxxa taghha u mhux dawk accettati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-percentwal ta' 74% mill-valur tal-bejgh tal-proprjetà. Din il-prova però ma tressqitx mis-socjetà Rikorrenti li invece llimitat ruhha li tikkontendi tramite x-xhieda ta' Michael Sciortino illi *gew esebiti l-accounts mad-Dipartiment izda dawn ma gewx accettati u r-raguni kienet illi fil-fehma tad-Dipartiment, is-socjetà suppost ghamlet margin ahjar jigifieri suppost ghamlet aktar qligh minn dan in-negozju. Minn naha tad-dipartiment gejna nfurmati illi suppost kien qed jintwera gross margin ta' 26% madanakollu ma nghatajniex spjegazzjoni minn fejn gie dan il-persentagg u kif inhadem*[48] – affermazzjoni din ta' l-ahhar li tirrizulta ghal kollox infondata mid-dokumentazzjoni li giet esebita tul is-smigh ta' dawn il-proceduri.

Apparte minnhekk minn analizi tad-dokumentazzjoni esebita mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz tan-Nota pprezentata fil-11 ta' Mejju 2017, il-valur ta' l-ispejjez effettivament ippruvati b'dik id-dokumentazzjoni jammonta ghal Lm13,559.02[49], illum ekwivalenti ghal €31,584.02, figura eqred ghal dik determinata mill-Kummissarju milli dik dikjarat mis-socjetà Rikorrenti.

B'hekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-*margin of profit* tas-socjetà Rikorrenti minn negozju tal-bejgh ta' proprjetà huwa ta' 26% kif korrettament likwidat u konsegwentement applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li d-dhul tas-socjetà Rikorrenti mill-koncessjoni favur Joseph Magri bis-sahha ta' l-iskrittura privata datata 9 ta' Jannar 1996 huwa *trading income* u mhux *royalties* u ghalhekk ghandhom jigu koncessi d-deduzzjonijiet determinati mit-Tribunal ammontanti ghal **Lm610.43**, illum ekwivalenti ghal €1,421.92. Mill-bqija l-aggravji l-ohra sollevati mis-socjetà Rikorrenti fir-rigward ta' aspetti ohra tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghha ghas-sena ta' stima 1998 ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tas-socjetà Rikorrenti limitatament ghal dak li jirrigwarda d-deduzzjonijiet a tenur ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur ta' l-Artikolu 35(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jordna li tali Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta'

---

47 Para. 4(c) tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata fil-15 ta' Mejju 2013.

48 Xhieda moghtija minn Michael Sciortino waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011, fol. 40 sa' 43 tal-process ta' l-appell fl-ismijiet "Bartmik ta' l-Iklin Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni" Rik. Nru. 72/11.

49 Fol. 90, 91, 92, 93, 94, 105, 120, 121, 123, 125, 136, 148, 153, 154, 156-158, 159, 164, 165, 166, 167, 169, 173, 174, 176, 182, 183, 185, 186, 187, 188, 189, 190, 191, 192, 193, 194, 195, 197, 199, 200, 201, 202, 203, 204, 205, 206, 207, 208, 209, 210, 211, 213, 215, 216, 217, 218, 220, 221, 222, 223, 224, 226, 227, 228, 229, 231, 232, 233, 234, 235, 237, 238, 239, 240, 241, 243 u 244 tal-process wara r-riappuntament.

stima 1998 tigi riveduta biex tirrifletti deduzzjonijiet ghall-istess imsemmija sena ta' stima fl-ammont ta' €1,421.92.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u peress illi s-socjetà Rikorrenti ipprezentat id-dokumentazzjoni in sostenn tad-deduzzjonijiet minnha reklamati biss fil-mori ta' dan l-appell, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-istess socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**